MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 227/2007

**A B f'isimha proprio, u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2007 ġiet nominata bħala kuratriċi *ad litem* f'isem uliedha l-minuri C u D**

**-vs-**

**E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf tal-attriċi, ppreżentat fl-24 ta' Mejju 2007, li permezz tiegħu premettiet:

Illi jiena u żewġi żżewwiġna fit-tnax (12) ta’ Ġunju tas-sena elf, disa’ mija u tlieta u disgħin (1993) fil-knisja tal-Kappuċċini fil-Floriana kif jirriżulta minn Dok A, u miż-żwieġ tagħna twieldu żewġ ulied, u ċjoe’ C li twieldet fl-4 ta’ Novembru 1994 kif jirriżulta minn Dok D, u D li twieled fit-13 ta’ Frar 1997 kif jirriżulta minn Dok C;

Illi l-ħajja konjugali tagħna saret impossibbli minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi, inġurji gravi u adulterju kommessi minn żewġi fil-kontront tiegħi, u minħabba li ż-żwieġ tagħna tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirriżulta fil-kors tal-kawża;

Illi l-ħajja konjugali tagħna saret impossibbli minħabba inkompatibilita’ ta’ karattru;

Illi l-medjazzjoni sfaxxat kif jirriżulta minn Dok B;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant jgħid il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi, inġurji gravi u adulterju kommessi mill-konvenut kontra martu l-attriċi, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, *oltre* dan, minħabba illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minħabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

2. Tordna lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi manteniment li jogħġobha tiffissa din il-Qorti skont il-bżonnijiet tal-istess attriċi, u taż-żewġ uliedha D u C, bil-modalita' ta' ħin, lok u ġurnata ta' pagament li tiġi wkoll stabbilita, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-awment fl-għoli tal-ħajja u għat-tnaqqis dirett mis-salarju tal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta fis-sħiħ jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-każ, il-konvenut jitlef kull jedd li għandu għan-nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila tal-attriċi u dan minn data illi tiġi stabbilita' minn din il-Qorti bħala d-data meta l-konvenut ikun ta' lok illi ssir din is-separazzjoni.

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, l-oġġetti kollha dotali u parafernali tal-attriċi, inkluż flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannah iħallas lill-attriċi l-valur tagħhom kif jiġi hekk likwidat okkorrendo perezz ta' perit nominand.

7. Tordna lill-attriċi u l-ulied li jgħix esklussivament fid-dar konjugali, u ċjoe' numru ________________________ *(omissis)*.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat in-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fil-11 ta' Ġunju 2007, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi, *in linea* preliminari l-esponent jaqbel illi ħajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli għall-istess raġunijiet li l-attriċi elenkat fir-rikors promotriċi tagħha, iżda dawn huma kollha attribwibbli lilha u mhux il-konvenut, kif ser jiġi muri aħjar fil-kors ta' din il-kawża;

Illi, l-esponent jirrespinġi kull azzjoni magħmulha fil-konfront tiegħu bħala nfondati fil-liġi u fil-fatt;

Illi, din il-kawża kellha ssir unikament tort l-attriċi u għalhekk l-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati minnha.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, preżentata fil-11 ta' Ġunju, 2007, fejn fiha ppremetta:

Illi, l-partijiet iżżewġu fit-tnax (12) ta' Ġunju, tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) ġewwa l-Knisja tas-Salib Imqaddes, Floriana, ċertifikat hawn hekk anness (vide Dok A);

Illi, minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, C – li twieldet fl-erbgħa (4), ta' Novembru tas-sena elf disa' mija erba' u disgħin (1994), u D li twieled fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997), it-tnejn aħwa B;

Illi, ħajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minħabba inkompatibilita' ta' karattru, sevizzi, eċċessi, minaċċi, theddid, inġurji gravi, vjolenza fiżika u psikoloġika da parti tal-attriċi mart il-konvenut u kif ukoll fil-konfront ta' wliedhom, bir-riżultat li ż-żwieġ

tagħhom tkisser irrimedjabbilment, u ma teżisti ebda possibbilta' jew opportunita' għar-rikonċiljazzjoni;

Illi, *per lo piu'*, il-konvenut qiegħed jgħix f'tensjoni u miżerja kbira ġewwa d-dar konjugali – dar li inċidentalment hija proprjeta' parafernali tiegħu – u allura daru stess, u dan unikament minħabba l-aġir irresponsabbli u kattiv ta' martu l-attriċi li m'għandha ebda kompunzjoni u li lesta tasal tagħmel kollox sabiex tipprovoka lill-konvenut, minn akkużi gravi li għandu xi ħadd ieħor f'ħajtu jew sa tattakkah fiżikament (vide Dok B1 u B8);

Illi, l-konvenut qiegħed ibati minn kundizzjoni medika f'għajnejh, kundizzjoni li ilu jbati minnha tul ħajtu kollha, li għaliha jenħtieġ trattament speċjali li għaliha jkollu bżonn jilta' l-Ingilterra, ġewwa sptar speċjalizzat f'dan il-mard f'Londra;

Illi, peress li taf bejn tajjeb l-attriċi bil-kundizzjoni medika u taf li jbati mill-vista t'għajnejh li kważi għama, l-attriċi qed teħodlu jew taħbi minnu l-effetti personali tiegħu għax taf li biex isibhom jkun diffiċli ħafna għalih;

Illi, wasslet l-attriċi sabiex intavolat mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-konvenut żewġha sabiex tkompli tfixxkel il-ħajja ġja' diffiċli tal-konvenut billi ostakolat il-ħlasijiet li jridu jsiru għas-servizzi li għandhom bżonn ġewwa d-dar residenzjali kif ukoll, u dan bi preġudizzju għall-interess suprem tal-minuri tfal li tant ivvantat bihom fir-rikors promotriċi tagħha, għall-ħlasijiet ta' *fiduciary bonds* u *insurance policies* imħarrġin f'isem it-tfal minuri minn missierhom stess;

Illi, il-medjazzjoni għas-separazzjoni konsenswali falla f'kull tentattiv tiegħu minħabba l-intransiġenza tal-attriċi;

Illi, il-konvenut jaf b'dan il-fatti personalment;

Raġuni tat-talba

Illi, l-ħajja tal-miżżewġin B ma kienitx minn dejjem hekk u fil-fatt kellhom żewġt itfal li huma xhieda ta' żminijiet aktar feliċi minn dawn;

Illi, l-attriċi, mart il-konvenut, ftit ta' żmien wara li kellha l-aħħar wild, D, bdiet iċċaħħdu mill-att taż-żwieġ u dan mingħajr ebda raġuni u ssib kull skuża sabiex ma jkollhiex x'taqsam ma' żewġha;

Illi, jista' jagħti l-każ li l-kundizzjoni psikika tal-attriċi ma hijiex qiegħda sew u dan probabbilment minħabba l-kundizzjoni medika partikolari tagħha, kundizzjoni li ċertament l-attriċi stess ma hijiex qegħda tgħin lilha nnifisha fiha peress li ma teħux it-trattament kif ġie ordnat lilha mill-ispeċjalisti tagħha;

Illi, dan l-iżbilanċ psikoloġiku probabbilment frott il-kundizzjoni tagħha, minkejja li ma hijiex waħda apparenti mill-ewwel, ċertament teżisti u periti psikjatriċi u psikoloġi jkun meħtieġ sabiex jagħtu din il-valutazzjoni;

Illi, valutazzjoni psikoloġika żgur li hija meħtieġa fuq il-minuri, u dan fl-interess suprem tagħhom sabiex kwalsijasi effett negattiv li

l-ambjent li qegħdin jgħixu fih jista’ jiġi attenwat bl-aħjar mod possibbli;

Illi, subordinatament, mhuwiex xieraq li r-raġel jitkeċċa mill-proprjeta’ tiegħu għas-skapitu tal-kapriċċi u provokazzjonijiet ta’ martu attriċi u dan għandu jitħalla jgawdi il-proprjeta’ tiegħu *stante* li d-diżgwid kollu huwa imputabbli lill-attriċi;

Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m’għandhiex taqta’ u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad, tikkanċella u tirrespinġi t-talbiet attriċi fl-interess kollha tagħhom;

2. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B għar-raġunijiet premessi;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C u D lill-konvenut, salv dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fl-aħjar interess tal-minuri;

4. Tillikwida, tiffissa, u tordna lill-attriċi tħallas manteniment xieraq u adegwat skont l-introjtu finanzjarja tagħha li taħdem u hija finanzjarjament indipendenti, għat-tfal minuri, pagabbli lill-konvenut;

5. Tiddikjara li l-attriċi ddekadiet mid-dritt ta’ manteniment;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

7. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti li għandha tinqasam f’żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali;

8. Tapplika kontra l-attriċi, interament jew in parti l-effetti kontemplati fl-artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Tagħti kull provvediment ieħor skont iċ-ċirkostanzi;

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi għall-kontro-talba, preżentata fid-19 ta' Ġunju 2007 fejn eċċepiet:

Illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda;

Illi t-tieni talba attriċi għandha tintlaqa' limitatament illi din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B għal tortijiet imputabbli lill-konvenut rikonvenjenti;

Illi t-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda;

Illi r-raba' talba attriċi għandha tiġi miċħuda;

Illi l-ħames talba attriċi għandha tiġi miċħuda;

Illi s-sitt talba attriċi għandha tiġi milqugħa;

Illi s-seba' talba attriċi għandha tiġi milqugħa, b'dan illi sehem l-attriċi rikonvenuta jkun superjuri għal dak tal-konvenut rikonvenjenti;

Illi t-tmien talba għandha tiġi miċħuda;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet fosthom tal-istess partijiet;

Rat illi f'din il-kawża ġew nominati l-assistenti ġudizzjarji biex jisimgħu l-provi;

Rat ukoll il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Avukati msemmija;

Rat id-digrieti l-oħra tagħha fir-rigward tal-manteniment u tal-esklużjoni mid-dar matrimonjali;

Rat ir-relazzjoni tal-A.I.C. Alan Saliba, nominat mill-Qorti biex jagħmel stima tal-benefikati li saru fil-fond 94, Triq Carini, Santa Venera (li hija d-dar matrimonjali), u n-nofs indiviz tal-appartament numru ________________________________ *(omissis)*.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet awtorizzati debitament mill-Qorti, u l-verbal tas-seduta tal-22 ta' Novembru 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut, għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi, u ppropona da parti tiegħu kontro-talba fl-istess sens. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u peress li l-Qorti semgħet lill-partijiet diversi drabi jixhdu qabel ma ppronunzjat uħud mid-digrieti ġja' msemmija, u anke semgħethom waqt it-trattazzjoni ta' wħud mir-rikorsi, setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti setgħet tinnota speċjalment fit-trattazzjoni skritta li l-aktar kwistjoni li kienet dibattuta kienet fir-rigward id-digriet tal-Qorti li ordna l-ħruġ tal-konvenut mid-dar konjugali. Il-Qorti għalhekk se titratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom.

**KURA U KUSTODJA**

Illi għalkemm il-partijiet kellhom żewġt itfal, il-kbira C, issa saret maġġorenni. Jidher li pero' għadha tistudja u għalhekk għad hemm lok ta' provvedimenti fir-rigward; iżda D għadu minuri. Ma hemmx dubju li l-minuri għandu jibqa' fil-kura u kustodja ta' ommu. Sfortunatament, anzi jidher, li matul il-kors tal-kawża ż-żewġt itfal allontanaw ruħhom emozzjonalment minn missierhom, u dan ċertament minħabba l-kwistjonijiet li għaddejjin bejn il-partijiet.

**TORT**

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ. Biex il-Qorti tagħti idea ta' x'wassal għat-tifrik taż-żwieġ se

tirriproduċi l-affidavits tal-partijiet preżentati fi stadju bikri tal-kawża.

Illi min-naħa tagħha l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid hekk:

*"Is-sitwazzjoni d-dar ilha sejra lura mill-ewwel darba li żewġi skoprejt li kellu relazzjoni oħra barra miż-żwieġ daqs ħamsa, sitt snin ilu. Dak iż-żmien ma ħadtx azzjoni billi t-tfal kienu għadhom żgħar u hu kien wegħdni li relazzjoni kienet spiċċat. Billi bejn kelli xi ħjiel li daż-żmien sena hu reġa' kellu relazzjoni oħra għalkemm ma kontx naf ma' min, u ftit xhur ilu kkonfermajt li din il-persuna kienet l-istess waħda ta' sitt snin ilu, iddeċidejt li nibda kawża għas-separazzjoni għax ħassejt li ma kellix la jien u lanqas it-tfal nibqgħu ngħixu ħajjitna hekk.*

*Minn mindu bdejna l-proċess għas-separazzjoni l-affarijiet id-dar bdew sejrin mill-ħażin għall-agħar, u llum qegħdin fi stat li jien u tfal bilkemm nistgħu ngħixu fid-dar.*

*L-ewwel ma għamel kien li kellna kaxxa mimlija biċ-ċwievet ta' kullimkien u żvujtaha u ħeba ċ-ċwievet li kien fiha, għalaq u sakkar il-bibien u twieqi li jagħtu għall-barra. Fosthom it-twieqi tal-kamra tas-sodda li jagħtu għal fuq il-gallarija u l-bieb li jagħti għall-istess gallarija b'tali mod li ma kelli l-ebda arja fil-kamra. Sakkar it-twieqi tas-salott li jagħtu għall-parapett, u twieqi tal-kċina li jagħtu għall-bitħa. (Meta ġie mistoqsi mill-Ispettur aktar tard qal li għamel hekk biex jien ma nkunx nista' nitfa affarijiet għal isfel u jkolli lil xi ħadd barra biex jeħodhom. Ħaġa li mpossibbli nagħmel mit-twieqi għax hemm il-gallarija u lanqas se noqgħod nitfa' affarijiet għal isfel. Bl-istess raġunament ma kontx se noqgħod noħroġ l-affarijiet mit-twieqi tas-salott meta dawn qegħdin*

*maġenb il-bieb ta' barra – aktarx dan il-ħsieb ġih għax jgħid li waqt is-separazzjoni bejn ommu u missieru, ommu kienet tagħmel hekk, imma dak iż-żmien il-faċċata kienet differenti) u lanqas se nitfa' affarijiet fil-bitħa. Huwa sakkar ukoll il-kamra li kien jorqod fiha missieru met kien jorqod għandna u li fiha kien hemm ukoll l-affarijiet tat-tfal, barra minn hekk huwa beda jieħu l-affarijiet u jsakkarhom hemm ġew. Iċ-ċwievet kienu dejjem fuqu u fuq missieru. Meta kien jorqod missieru hemm hu kien qed jorqod jew ħdejja jew fuq is-sufan fil-kamra tal-ikel / kċina. Meta kien jagħmel hekk hu kien isakkar il-kċina bil-lejl. Barra minn hekk ftit taż-żmien wara huwa sakkar il-bieb tal-bitħa nterna u beda jsakkarli l-bieb tal-bitħa, u l-bieb li jagħti għal-bejt bl-iskuża li kien jibża li jien nidħol għalih mit-tieqa tal-kamra ta' missieru. Fil-fatt il-biża' tiegħi kien u għadu li dan il-lejl jidħol fil-kamra tiegħi billi ma nistax nagħlaqha għax m'għandhiex ċwievet u x'ħin ifettillu jaqbad u jidħol speċjalment tard bil-lejl u jagħmel ħafna storbju jibgħat u jirċievi messaġġi u telefonati fil-ħinijiet bikrin ta' fil-għodu; u mqar jitfagħli mħadda fuq wiċċi, li minħabba f'kundizzjoni li għandi żgur li jinqatagħli nifsi fi ftit sekondi, minħabba f'hekk kelli nwaqqaf il-mediċina li kont qed nieħu bil-lejl biex norqod (dawn kont noħodhom billi nieħu mediċina mħabba l-pulmun li ma tħalliniex norqod) għax nibża li norqod u ma nisimgħux dieħel fuqi.*

*Il-biża' tiegħu hi nfondata għax li ġara dakinhar li nqala' l-inċident kien li hu kien irrabjat mat-tifla għax damet tinħasel u beda jheddidha li se jidħol għaliha. X'ħin it-tifla telgħet fuq din bdiet tkanta "We are the Champions" biex tinki lil ħuha fuq xi logħba tal-futbol bejn l-Ingliżi u t-Taljani. Hu beda jgħajjat kemm jiflaħ magħha biex tagħlaq ħalqha. Meta jien għidtlu jħalliha ħa tkanta tela' għalija minn isfel u qabadni minn għonqi. Dak il-ħin irnexxieli ninqala minn taħt idejh imma reġa' qabadni minn idejja n-naħa ta' fuq u wara li xxejkjani tefgħani lura għal dahri. X'ħin rat hekk it-tifla li kienet ħdejja bdiet twerżaq kemm tiflaħ waqt li bdiet tgħinni*

*nqum. Kif semagħha twerżaq dar u rajtu ġej lura lejna. Jien bżajt li jew se jaqbad lit-tifla jew lili u biex niddefendi lit-tifla u lili qbadt figorin żgħir minn fuq il-wallunit li kien hemm ħdejja u tfajthielu u lqattu fuq moħħu. Jien m'inix xi bniedma aggressiva u qatt m'erfajt idi fuq ħadd imma dak il-ħin bżajt għas-sigurta' tat-tifla u tiegħi.*

*Fil-fatt il-bieb tal-bejt sakkru biex ineħħili l-aċċess milli nuża l-bejt fejn għandi l-magna tal-ħasil li biha ridt naħsel il-ħwejjeġ. Barra minn hekk ma ridnix bl-ebda mod nonxor il-ħwejjeġ fil-kamra tal-bejt lanqas meta kien riħ qawwi u xita. Jien għandi kundizzjoni msejħa scleroderma u rynauld's disease fejn l-immune system tiġġieled kontra tagħha stess u li taffetwa kemm il-ġilda kif ukoll jixrafu l-organi nterni. Fil-każ tiegħi affetwatli l-pulmun li għandi persentaġġ kbira minnu xraf u għalhekk inbati minn qtugħ ta' nifs u sogħla kontinwa, għandi problema biex nimxi fit-tul, biex nitla' mqar sular taraġ jew xi telgħa. Bil-mod qed jixrafu anke l-kordi vokali għalhekk għandi ħanqa tista' tgħid il-ħin kollu. Barra minn hekk parti mill-istess kundizzjoni timmanifesta ruħha f'rheumatoid arthritis li biha jkolli uġiegħ u nfjammazzjoni fil-ġogi u fil-kesħa jew kif imiss l-ilma jdejja jiswiedu għax in-nervituri jidħlu fi spażmu u ċ-ċirkolazzjoni tieqaf u nitlef kull feeling minnhom. Għalkemm huwa jaf li għandi din il-kundizzjoni huwa beda jitfagħli l-ilma fuq il-ħwejjeġ li nkun inxart imqar jekk kienu jkunu tal-ġurnata ta' qabel, jitfali ħwejġi mal-art u minn fuq jakkużani li qed inħalli l-ħwejjeġ joqtru biex l-ilma jagħmel il-ħsara fis-soqfa. Huwa bed jakkużani li kissirt anke s-serpentina mingħajr ma lanqas naf x'taħbat. Drabi oħra kif jarani qed inlesti l-ħwejjeġ biex naħsilhom kien jitla' nkiss inkiss jitfa' tiegħu biex jieħu gost jarani nieħu taraġ għalxejn billi jaf li nsib diffikulta' biex nitla'.*

*Barra minn hekk kif noħroġ kien isakkar il-bieb ta' barra bil-firrolli x'ħin noħroġ u kull darba kien ikolli noqgħod inħabbat biex jiftaħ*

*kemm lili kif ukoll it-tfal u minn fuq joqgħod jgħajjat u jiġġieled magħna.*

*F'dan l-istess żmien kemm hu kif ukoll missieru kienu qegħdin il-ħin kollu jkantaw jew jgħidu r-rużarju b'leħen għoli jew idoqqu mużika gospel jew opri b'sound għoli mis-5:45am biex idejquna. Ġieli kien ikolli problema biex infiehem it-tfal il-homework għax billi minħabba l-kundizzjoni li għandi nitlef ħafna l-vuċi, it-tfal kien ikollhom problema biex jifhmuni. Meta kelli ngħin lit-tifel fil-project tal-iskola huwa llokjali l-computer b'password. Meta tlabtu biex ineħħieli huwa qalli li jekk irrid nuża l-kompjuter bil-username tat-tfal imma dan ma stajtx nagħmlu għax l-informazzjoni kienet fuq tiegħi. Huwa qagħad jgħajjarni li jien inħalli kollox l-aħħar minuta. Wara ħafna ġliet fetaħuli imma ndunajt li d-dokumenti li kelli kien għalaqhomli b'password u ma stajtx naċċesshom. Fuq dan l-istess inċident ir-raġel ħeba l-model li kont lestejt għat-tifel u wara li domna ħafna nfittxuh iddeċidejt li nerġa' nagħmillu ieħor. X'ħin semagħni ngħid lit-tifel beda jgħajjat li ser naħraqlu s-skieken għax kelli bżonn naqta' l-jablo u wara ftit tal-ħin ta' lit-tifel il-model li kont lestejtlu qabel u qallu għax kien refagħhulu.*

*Għalkemm kemm hu u kemm missieru jafu li jien u t-tifla għandna asthma qawwija arahom daqqa jdaħħlu l-pjanti tal-freżja ġewwa, jitfgħu ħafna aftershave u fwieħa, iferrxu d-dettol għax jafu li bih jintefaħli lsieni saħansitra white spirit fuq is-sodda tiegħi tefgħu.*

*Barra minn hekk ma ridnix inqiegħed il-ħwejjeġ li kien ikollna meta naqilbu l-ħwejjeġ mis-sajf għax-xitwa fil-kamra tal-bejt għax qal li kont qed nimla l-kamra u riedni bil-fors inħallihom fil-kurutur. Ħaġa oħra ma kienx iħallina nixgħelu l-geyser tal-kamra tal-banju għax kien jgħid li naħlu ħafna dawl u għalhekk kemm jien u kemm*

*it-tfal kien ikollna ninħaslu b'kitla misħun matul il-ġimgħa u fil-weekend nixgħelu l-geyser t'isfel għax kien żgħir u nieħdu shower sajf u xitwa, sakemm ma kien jitfihulna x'ħin ifettillu u xi ħadd minnha nispiċċaw ninħaslu bil-kiesaħ. Din tad-dawl kienet fissazzjoni oħra minn tiegħu. Darba minnhom daħal tard bil-lejl u għax sabli t-TV u lampshade mixgħula tgħidx kemm għajjat u l-ewwel tfieli TV u għax għidtlu jħallih kissirli l-bozza tal-lampshade għax qal li qed naħlilu d-dawl.*

*Barra minn hekk meta hu kien jitlaq 'il barra daqqa għax-xogħol jew għal elf skuża oħra, ħaġa li kienet tkun ta' kuljum u li wara kien jidħol tard bil-lejl ġieli anke kienu t-tlieta ta' fil-għodu, ħafna darbi kien iġib skuża li mar jimxi bħala exercise għalkemm fl-istess nifs kien jgħid li bil-lejl ma jarax kien iġib lil missieru d-dar biex joqgħod għassa. Għalkemm missieru ma jarax għalih hija n-norma għax imwieled għama. Missieru kien dejjem għassa x'qed ngħid lit-tfal u x'qed jgħiduli. Il-ħin kollu jsaqsi lit-tfal ħafna affarijiet kemm fuqi u fuq in-nanniet, fejn ħadthom etc. Kien iżomm speċjalment lit-tifla milli tieħu kotba u affarijiet oħra mill-kamra li sekkru għax ħafna darbi ma kinitx tkun trid tkellmu, saħansitra wasal biex mela ż-żarbun tal-iskola tat-tifla bl-ilma biex ma jkollhiex biex tmur skola mbagħad semgħu t-tifel jiftaħar mar-raġel x'għamel. Darb' oħra ħa pencil case tat-tifel mill-basket tal-iskola u tefagħhulu lura wara xi ħmistax. Meta l-ġenituri tiegħi kienu jiġu biex iniżżlu t-tfal sal-vann tal-iskola kien joqgħod jissemma' mill-intercom ħa jara x'aħna ngħidu fejn il-bieb. Meta jitlaq mid-dar u jmur fil-flat tiegħu kien dejjem iġorr l-affarijiet mid-dar tagħna miegħu darba saħansitra rajtu ħiereġ b'6x6 pakketti tat-toilet paper ġo garbage bag bajda. Darb' oħra mar jirrappurtani li sraqtlu jew ridt nisraqlu l-penzjoni dan kollu għax ħadt iċ-ċavetta tal-posta billi kien jiġbor il-posta li kienet tasal u jaħbiha sakemm isib jew lir-raġel jew meta dan isiefer jew jevapora għal xi jumejn lil xi ħadd ieħor biex jgħidlu x'inhi u ta' min hi mbagħad jaqbad tiegħi u jerġa' jitfagħhieli ġol-letterbox.*

*B'hemm mhux l-ewwel darba li nagħmel ġranet ma nirċievix posta mbagħad niġbor il-posta darbtejn f'ġurnata.*

*Aktar ma għadda ż-żmien l-affarijiet żdiedu spiċċa biex wara li ħeba l-kaxxa li kien fiha d-deheb l-aktar tiegħi u tat-tfal għal aktar minn sentejn ħariġha u jien ħadtha biex għall-anqas nissalvagwardja dak li kien ħalla; fil-fatt sibt li bejn l-affarijiet tiegħi u tat-tfal kien hemm mal-Lm2,000 lira f'affarijiet nieqsa, biex imbagħad mar jirrappurtani li sraqtlu d-deheb.*

*Huwa għalaq u ġibed il-flus minn kontijiet u shares li kienu fuq isem it-tnejn mingħajr ma qal lili (l-avukat għandu rendikont tal-ammonti). Ħeba statements ta' banek, riċevuti u karti mportanti oħra saħansitra medical records kemm tiegħi li wara li rrappurtajtu tahieli lura kif ukoll tat-tifla b'tali mod li llum kważi m'għandi xejn x'nuri ħlief ftit karti li rnexxieli nsib.*

*Ix-xahar l-ieħor l-ewwel qatgħali u skonnettja l-linji tat-telefon kollha u ħa s-settijiet tat-telefown kollha. Saħansitra qatagħli tal-hello li kont inħallas jien u spiċċajt kelli nċemplilhom u nħallas ic-charges biex jiġu jirranġahuli biex imbagħad neħħieli s-settijiet tat-telefon li kienu mqabbdin miegħu, u għalhekk xorta spiċċajt ma nistax nużah. Billi qatagħli t-telefons inqatgħet ukoll is-sistema tal-internet fl-iktar żmien kruċjali għax it-tifla kellha bżonnu għall-istudju tagħha. Qata' l-cable television u skonnettja l-airconditions. Billi ħdejna m'hemmx bini u l-kmamar tas-sodda qegħdin mal-bejt għandna sħana qawwija speċjalment meta kien hemm dik il-heatwave. (Is-Surġent 1411 qalli li għamel hekk għax qallu li jien kont iħalli l-airconditions imqabbdin 24 siegħa meta dan mhux minnu. Fil-kamra tiegħi jien kont nixgħelu biss xi nofs siegħa qabel nidħol kemm inbiddel l-arja mbagħad nitfih billi jien ma nistax noqgħod fl-aircondition u tat-tfal kint inqabbadulhom*

*siegħa bit-timer qabel jorqdu u jerġa' jaqbad siegħa għal xi 3:00 a.m. biex tiċċirkola l-arja, il-bqija kont inqabbdilhom il-fann). It-tajba li din is-sena lanqas qabbadthom qatt billi skonnettjah u ħa saħansitra r-remote controls.*

*Fid-19 ta' Ġunju ta' din is-sena huwa ħa t-tower tal-kompjuter, ic-CCTV magnifier tat-tifla li ma tantx kien iħalliha tużah biex ma taħlix dawl, ċilindri tal-gass u l-lampa tal-gass u l-ispecial ID's tiegħi u tat-tifla. Kif rajt hekk jien hadt xi affarijiet bħalma huma l-food processor, blender, portable electric oven, u filter tal-ilma, quilts tiegħi u tat-tfal; affarijiet li jien kont qlajt u bżajt li jekk inħallihom hemm ma nsibhomx lanqas.*

*Meta rajt hekk kellimt l-avukat u qalli biex l-għada l-Erbgħa. 20 ta' Ġunju mmur il-Qorti ħa nagħmillu mandat ta' inibizzjoni. Sakemm kont hemm hu ġarr għamara li kienet fid-dar qabel ma żżewwiġna kif ukoll il-kumplament tal-kompjuter b'diterrent għat-tifla li kienet fl-eżamijiet u kellha bżonn il-kompjuter għax kienet ser tagħmel l-ECDL, 3 televisions kbar, Grandfather clock, 4 frames kbar li wara li żżewwiġna konna ndurajnihom bid-deheb, 2 ċilindri tal-gass oħra, twapet kbar, stereo u si radios, frames tal-fidda bir-ritratti tat-tieġ u tat-tfal, artikoli tal-fidda u oħrajn tal-kristall u tal-ħġieġ.*

*L-għada 21 ta' Ġunju ma stajtx ma mmurx ix-xogħol billi jien m'għandix leave. Billi meta ġie l-marixxall ma sabux. Tlabt lill-ġenituri tiegħi biex flimkien mat-tifla li dakinhar ma kellix skola (kellha study day) joqogħdu d-dar biex ma joħroġx iżjed affarijiet. Sakemm ma kontx hemm qala' l-fuse tad-dawl t'isfel biex b'hekk it-tifla ma setgħetx tixgħel id-dawl biex tistudja u lanqas il-fann tas-saqaf. It-tifla ċemplitli mwerwra biex immur lura d-dar billi kull darba bed jipprova jmur għalija aktarx biex ibeżżagħha. Ħin minnhom saħansitra daħħal raġel – wieħed li jaħdem miegħu u*

*marru jħawdu xi ħaġa fuq il-bejt mingħajr ma hi ndunat u taparsi marru għalija t-tnejn. Billi t-tifla hi visually impaired (kulma tara sa 3 metres il-bogħod) ma tantx tikkalkula u lil dak li jkun tarah biss meta jersaq viċin ħafna tagħha. B'hekk tinħasad malajr.*

*F'xi 10:30am irritornajt lura mix-xogħol u bqajt id-dar. F'xi l-5:00 p.m. telaq 'il barra. Għal xi t-8:00 p.m. ġew il-pulizija u billi jien qlajt il-fuse li tixgħel il-faċċata u bdiltu ma' ta' isfel biex ikolli d-dawl ġewwa ma smajthomx u qabżu r-railings u ħabbtuli mal-bieb. X'ħin ftaħtilhom qaluli għaliex biddilt iċ-ċavetta u ħadt iċ-ċwievet lir-raġel. Jien għidtlu li la ħadtlu ċwievet u lanqas bdilt serraturi. Fil-fatt il-ġurnata ta' qabel x'ħin mort u sibt id-dar nofsa vojta hu ma kienx hemm, wara li mort inwassal lit-tifel dħalt id-dar u sibtu hemm. Fil-għaxija reġa' ħareġ u daħal biċ-ċavetta u dakinhar stess ħareġ ftit qabel. Hu qalli biex jekk jiġi niftaħlu. Mhux talli ma ġiex imma matul il-lejl bejn 21 – 22 ta' Ġunju ħadli l-karozza li kienet ġod-drive in bl-affarijiet personali tiegħi fiha. L-affarijiet personali tiegħi kont inżommhom fil-karozza għax hemm l-unika post safe li kelli għax id-dar kien dejjem iġerfex u jieħu li jsib. Fost l-affarijiet li ha kelli l-blue sticker, xi Lm32 u madwar Eur355 (li kont qlajthom biex ikolli xi ħaġa meta nsiefer) il-medical history tiegħi, beritta, nuċċali tat-tifel, diversi ċwievet anke tad-dar tal-ġenituri tiegħi, xi karti u affarijiet oħra personali u saħansitra xi karti tal-eżamijiet tal-iskola li kelli nikkoreġi. Il-Ġimgħa fil-għaxija waqt li jien ma kontx id-dar irritorna xi affarijiet fosthom il-basket tax-xogħol u l-handbag u xi kotba large print li kelli tat-tifla imma affarijiet oħra baqa' ma rritornahomx. L-għada s-Surġent 1141 qalli li ġie jfittixni għax għalaqtu barra u ma sabnix. Jien weġibtu li dak daħal meta jien ma kontx hemm u tefa' l-affarijiet. L-istess Surġent qalli li l-karozza kellu jirritorna kif kellu jirritorna xi affarijiet oħra biss dawn qatt ma ġew ritornati sal-lum.*

*Il-karozza jien biss kont nużaha għax hu m'għadux isuq. Meta xtrajniha riedni nagħmilha fuq missieru biex tiġi VAT free għalkemm il-loan kienet fuqna ħallastha kollha jien bejn għax qabel kont naħdem il-bank u kelli staff loan kif ukoll wara li biddilt ix-xogħol kont nitfa' l-flus mill-paga tiegħi. Meta ġibt il-blue sticker jien minħabba l-kundizzjoni tiegħi mhux l-ewwel darba li tlabtu ndawruha fuqi imma jew bi skuża jew b'oħra dejjem baqa' jitrateni biex ma jdawwarhiex. Illum ninsab fi stat li rrid il-ħin kollu nitlob l-għajnuna tal-ħbieb u familjari biex iwasslu lili jew it-tfal kull fejn ikollna bżonn, xi ħaġa li vera qed inħossni antipatika li nagħmel nittallab minn ħaddieħor meta jien suppost għandi karozza. Fil-fatt għandna karozza oħra għandha xi 30 sena llum li għandi ma tfajthiex għall-iscrap minħabba li qiegħda fuq ismu biex ma jaqlax paroli. Seba' snin ilu meta xtrajt il-karozza li xtrajt kont xtrajtha għax kont insibha diffiċli ħafna biex indawwar l-isteering minħabba l-uġiegħ f'idejja. Illum hi mpossibbli li nużaha.*

*Għalkemm kien hemm xi ġranet qabel li ma raqadx id-dar u naf li kien Malta, minn dak il-lejl li ħa l-karozza ma reġax raqad hemm għalkemm baqa' jidħol id-dar x'ħin ifettillu biex iġorr daqqa ħaġa u daqqa oħra. Per eżempju fis-27 ta' Ġunju sa ħa l-lożor li kont għadni kif qlajt minn fuq is-sodod, xugumani u affarijiet oħra. Fil-fatt huwa qed jorqod għand missieru, dan ikkonfermatu oħtu stess li kienet toqgħod fl-istess flat ta' missieru, u minn mindu mar ir-raġel tiegħi hemm beda jsakkar il-kmamar hemm ukoll, tant li sabitha diffiċli tgħix hemm u wara xi ġlied bejniethom spiċċat kellha titlaq 'il barra hi.*

*Min-naħa l-oħra jien u t-tfal m'għandniex post ieħor fejn immorru noqogħdu. Il-ġenituri tiegħi m'għandhomx fejn jakkomodawna għax għandhom żgħir. Barra mill-ħtiġijiet normali, it-tifla trid ħafna spazju fejn tqiegħed il-kotba u apparat ieħor li għandha bżonn biex tistudja għax, eż. il-kotba irid inkabbarhomla kollha fuq*

*A4 u kull wieħed jiġi triplu ta' li hu oriġinali. Barra minn hekk trid ħafna dawl, xi ħaġa li d-dar tal-ġenituri tiegħi hi nieqsa ħafna.*

*Kif għidt qabel għalkemm huwa mhux jabita d-dar hemm ġranet li naf żgur li daħal meta ma kontx id-dar fosthom:*

*Fit-2 ta' Lulju fil-għaxija ħa bagalja bla ma nafx x'kien fiha.*

*Fl-4 ta' Lulju meta suppost kellu jidħol għal ħwejjeġ ħa 2 bagalji oħra fost affarijiet oħra li ħa mill-kamra msakkra.*

*Fid-9 ta' Lulju reġa' daħal u ħa bagalja oħra meta jien ma kontx id-dar u ma nafx x'ha fiha.*

*Dawn l-aħħar ġranet sibt ukoll li gerfex f'ħafna mill-kxaxen speċjalment tal-kamra tiegħi u biex jurini li misshom ħallieli xi affarijiet barra fil-fatt kelli madwar GBP180 u xi cards moħbijin ġo kexxun neqsin.*

*Il-ġenituri tiegħi kulma kienu jiġu bejn is-6:45 a.m. u s-7:30 a.m. biex jgħinuni nniżżel it-tfal għall-vannijiet. L-uniku ġurnata li kienu d-dar kien nhar il-21 ta' Ġunju u ommi raqdet miegħi, fl-20, 21, 22 u 23 billi kont għajjiena ħafna u kelli bżonn nistrieħ u bżajna għas-sigurta' tiegħi u tat-tfal u fl-ebda waqt ma qagħdu hemm waħedhom u ma ħadu ebda pussess mid-dar kif qal ir-raġel."*

Illi min-naħa tiegħu il-konvenut fl-affidavit tiegħu xehed illi:

*L-għerusija*

*"Aħna ltqajna f'grupp tal-knisja tal-_______ (omissis). Jien kont norganiżża l-BBQ's u ħarġiet għall-iżgħar membru ta' dan il-grupp u l-mara kienet waħda minn dawk li kienu jgħinuni.*

*Konna niltaqgħu kważi kuljum u kont ta' spiss inkun id-dar t'ommha.*

*Kienu stretti magħna, speċjalment fejn jidħol il-ħin li fih il-ġenituri tagħha kienu jriduha tkun id-dar. Ma setgħetx tkun atar tard mit-8:30 p.m.*

*Qabel iż-żwieġ qatt ma kellna x'naqsmu flimkien, ġieli tbewwisna, imma xejn aktar. Ma tantx kienet entużjasta li tbusni lanqas.*

*Wara xi erbatax-il xahar li konna ilna nafu lil xulxin ommha kienet qaltilna li missna nibdew naħsbu dwar iż-żwieġ. Il-mara tiegħi mill-ewwel ħatfet l-okkażjoni u bdiet bil-preparamenti f'Ottubru tas-sena 1992. F'Ġunju tas-sena 1993, iżżewwiġna.*

*Hija dejjem kienet tibża' minn ommha. Aktar minn hekk hija kienet l-inqas li kienet tingħata attenzjoni d-dar. Kienet dejjem tipprova ħafna biex tiġbed l-attenzjoni ta' ommha, jew biex forsi ommha tfaħħarha.*

*Wara ż-żwieġ*

*Is-sitwazzjoni matrimonjali tagħna bdiet sejra lura mill-inqas 12-il sena ilu (mhux 6 snin) jiġifieri minn ftit wara li kellna t-tieni tarbija D, jiġifieri mis-sena 1997.*

*Minn wara t-tieni tarbija saret bidla kbira fil-mara forsi kawża psikologika jew ta' mard.*

*Bdiet tingħalaq fiha nnifisha u ma riditx taf aktar b'relazzjoni intima u sesswali miegħi.*

*Ħmistax-il ġurnata wara li kellna lil D, jien korrejt fuq il-post tax-xogħol, inqalatli r-retina t'għajni u kelli nagħmel diversi operazzjonijiet f'għajnejja, li domt sejjer bihom ftit xhur mhux ħażin fil-fatt għadni sal-lum tiela' u nieżel l-Ingilterra minħabba dak li ġrali f'għajnejja.*

*Kif ġja' għidt kien minn dan iż-żmien li bdejt nara fil-mara sinjali li qed tingħalaq fiha nnifisha.*

*Kienet bdiet tiskartani, kommunikazzjoni bejnietna dejjem tonqos u r-relazzjonijiet sesswali waqfu għal kollox.*

*Fis-snin 1998 u 1999 l-affarijiet baqgħu sejrin għall-agħar. Jien ma nistax inkellimha u hi tagħmel fattiha. Jekk ma nħallihiex tagħmel li trid, ikollna l-argumenti fid-dar quddiem it-tfal.*

*Il-mara minn dejjem kellha problemi mediċi fil-ġilda ta' ġisimha. Jekk toqgħod ħafna fil-kesħa, is-swaba' t'idejha kienu jsiru vjola.*

*Fil-fatt anki meta konna għarajjes il-mara kienet tgħid li l-air conditioner jagħmlilha l-ħsara.*

*It-tobba għall-ewwel kienu qalulha li għandha 'raynauds u scleroderma';*

*Jien kont inħeġġiġha ħafna biex tieħu ħsieb saħħitha u tmur l-isptar għaċ-checkups u tagħmel li jgħidulha t-tobba.*

*Wara ħafna nsistenza min-naħa tiegħi bdiet tmur l-isptar; kien jaraha Prof. Carmel Mallia.*

*Fis-sena 2000 il-mara ddeċidiet li ma tmurx aktar għall-kura, la riedet taf bi treatments u lanqas tibqa' tieħu l-pilloli li kienu ordnawlha. Waqfet milli tmur għall-appuntamenti mal-Profs. Mallia, u mat-tabib li kien miegħu Dr Bernard Coleiro.*

*Min-naħa tagħna r-relazzjonijiet matrimonjali baqgħu staġnati, kien hemm bżonn nara x'nagħmel. Mort inkellem counsellor ta' Kana Emily Jane Abela. Din ċemplitilha bosta drabi lil mara tiegħi biex tmur tkellimha. Iżda l-mara tiegħi qatt ma marret tkellem la lilha u lanqas lil counsellor oħra li wkoll kelli kuntatt magħha.*

*Ħabib tal-familja Dr Tonio Azzopardi ġie tlett (3) darbiet jipprova jkellimha fuq is-sitwazzjoni. Il-mara baqgħet twebbes rasha u ma riedet taf b'xejn.*

*Wara żmien twil li l-mara kienet ilha tgorr kontra l-post tax-xogħol tagħha jiġifieri l-bank HSBC, għax (kienet tgħid) li hemm ħafna sikkatura, hija ddeċidiet li trid titlaq minkejja li jien ma kontx qbilt magħha biex titlaq u ssib xogħol ieħor, jien għintha u bis-saħħa tiegħi qabel ma telqet, tawha somma ta' madwar 17,000 Liri Maltin u sibtilha xogħol ieħor ____________________ (omissis) bħala Facilitator.*

*Meta mill-bank fejn kienet taħdem tawha c-cheque, morna biex niddepożitawh l-APS Bank.*

*Meta l-iskrivana ġejna biex nagħtuha d-dettalji tagħha u tiegħi biex il-kont jinfetaħ fuqna t-tnejn il-mara qabdet u qaltilha biex l-account jinfetaħ fuq isimha biss. Jien bqajt sorpriż b'dan l-aġir, imma bħas-soltu ħallejtha tagħmel kif trid hi.*

*Sa dan it-tant bidlet ix-xogħol u marret facilitator ___________________________ (omissis) biex tkun tista' tkompli ta' facilitators marret tagħmel kors fuq is-suġġett l-universita'. Kien kors ta' 3 snin; fil-għodu tmur taħdem l-iskola u fil-għaxija bejn l-4:00 p.m. u s-7:00 p.m., 3 darbiet fil-ġimgħa kienet tmur għal kors.*

*Allura missieri u jien bħalma fil-fatt konna dejjem nagħmlu; għax minħabba l-kundizzjoni medika tal-mara din ma kienitx tant ixxarrab idejha, ħadna iktar over ix-xogħol tad-dar, ħasil tal-ħwejjeġ, tisjir u tindif fid-dar.*

*Plus ix-xogħol tiegħi, kont nagħmel ħafna xogħol ieħor bħal xiri ta' affarijiet mingħand tal-grocer, mingħand tal-ħaxix, immur inħallas*

*il-kontijiet, immur il-bank, niġbor il-pinnoli mill-isptar u xogħol ieħor tas-soltu ta' kuljum, hekk hi setgħet aktar faċilment tmur għal kors u aħna nieħdu ħsieb it-tfal u d-dar.*

*Minħabba dan il-ħin kollu li kienet tgħaddi barra mid-dar fil-għodu lis-skola u fil-għaxija l-universita', lanqas kien qed ikollha ħin għall-familja.*

*Dwar ir-relazzjoni li jiena kelli ma' xi persuna*

*Dwar relazzjoni li jiena ma' xi persuna u li qiegħda tallega l-mara tiegħi fl-affidavit tagħha. Dan jien niċħdu għal kollox. Il-fatti huma dawn jien kont u għadni nitla' sikwiet ________ (omissis) għall-kura f'għajnejja.*

*Darba ltqajt b'kumbinazzjoni ma' ħabiba tal-mara li l-mara stess kienet introduċietni magħha, xi ftit xhur qabel. U morna nieħdu kafe'. Din il-persuna qaltli li l-mara kienet qaltilha bil-problema tagħna u li l-mara tiegħi kienet imdejqa, qaltilha wkoll "she wants to put me on sale".*

*Din il-ħabiba tal-mara wkoll offriet li tgħinna biex nirranġaw ir-relazzjoni ta' bejnietna.*

*Wara li ppruvajt ħafna biex nirranġaw bla ebda riżultat, biex lill-mara nagħmilha jealous u forsi ndawwarha lejja u nergu ngħixu l-ħajja ta' qabel għidtilha li kelli relazzjoni mal-ħabiba tagħha. Dan bi ftehim ukoll mal-ħabiba tagħha.*

*Aktar tard lill-mara tiegħi fissirtilha dan kollu. Imma hija aktar ħaditha kontra tiegħi.*

*Wara ftit ġimgħat marret tkellem lil counsellor Aldo Fenech ħabib tal-familja fejn anke hu qalilha li qiegħda tagħmel ħażin.*

*<u>Il-pariri tal-Kappillan Fr _____________ (omissis), u l-vasectomy li kelli nagħmel</u>:*

*Jien mort diversi drabi inkellem lill-Kappillan Fr. _____________ (omissis). It-tnejn qalulha li kienet qed tagħmel ħażin. Il-Kappillan ipprova ħafna jkellimha waħedha imma hija ma kkoperatx, kellem lili waħdi u kellimna t-tnejn flimkien u wasal għall-konklużjoni "Inutli tieħu ż-żiemel fejn l-għajn tal-ilma jekk ma jkunx irid jixrob". Bdiet iġġib ħafna skużi, għax ma tħosshiex komda, għax ma rieditx aktar tfal u ħafna skużi oħra.*

*Allura bi ftehim magħha u mal-kurja (biex jien insalva ż-żwieġ) kont lest immur nagħmel l-operazzjoni (vasectomy) sabiex meta jkollna relazzjoni ma jkunx jista' jkollna tfal.*

*Quddiem Fr. _________________ (omissis) (kappillan) il-mara kienet qablet u jien għamilt l-operazzjoni, imma wara li għamiltha l-mara tiegħi xorta ma riditx taf. Baqgħet twebbes rasha u s-suppost relazzjonijiet ta' bejnietna baqgħu mhux imwettqa.*

*Fil-2004 dwar il-kondizzjoni medika tagħha, il-mara ma tatx iktar każ u kienet qed tmur għall-agħar. Jien bqajt inħeġġiġha biex*

*tieħu ħsieb saħħitha anke ssuġġerejtilha biex titla' l-Ingilterra għal kura, imma hija baqgħet tirrifjuta.*

*Jien minkejja l-problemi ta' bejnietna u minkejja r-ras iebsa mmensa tagħha xorta bqajt insus warajha biex ngħinha u hi tgħin lilha nnifisha. Anke mort inkellem ir-Rettur tal-iskola fejn tgħallem Fr. ________________ (omissis) biex forsi jkellimha hu u jipprova jipperswadiha titla' l-____________ (omissis) għall-kura.*

*Kellimt lil sħabha biex forsi jfehmuha, jipperswaduha titla' l-Ingilterra. Kellimt lill-ġenituri tagħha imma kollu ta' xejn; baqgħet ittertqilna qalbna, dejjem tittituba biex titla'. Baqgħet b'attitudni negattiva għall-aħħar.*

*Wieħed seta' jintebaħ li hemm xi ħaġa fil-mara li qed taħdem ħażin anke psikoloġikament, imma minħabba t-tfal ma ridtx nieħu xi passi li jkunulhom ta' ħsara.*

*Minħabba t-tfal bqajt nissaporti din is-sitwazzjoni li ma tantx kienet feliċi.*

*<u>Problemi oħra ta' saħħa</u>*

*Barra l-problema ta' għajnejja, sfajt bi problema oħra fi msarni. Biex l-ikel li niekol ikun jista' jinħadem kelli nagħmel kura speċifika, kont taħt il-Prof. Edgar Pullicino. Kelli nagħmel ħafna eżerċizzi fiżiċi fuq magna tal-eżerċizju u noħroġ nimxi. Din kienet itiha f'għajnha wkoll; mhux l-ewwel darba nfexxet tgħajjarni biha.*

*Assi u flejjes oħra*

*Għal aktar minn 6 snin jien kont ilni nuri x-xewqa li t-tfal ma jibqgħux jorqdu fl-istess kamra imma kull wieħed ikollu l-kamra tiegħu; kont ilni ngħid lill-mara biex nirranġaw l-ewwel sular u nibnu 4 kmamar ġodda, waħda bħala kamra tas-sodda għat-tifel, kamra għall-kompjuter u l-kumplament għal li jkun hemm bżonn.*

*Wara li kont ilni mhux ħażin inkellem lill-mara fuq dan, għall-ħabta ta' Mejju 2006, jekk niftakar sew, jien erġajt għidtilha fuq din il-ħaġa, hi qaltli issa naraw minħabba l-flus, għax veru kellna daqxejn ta' problema tal-flus billi dan l-aħħar konna nsiefru ta' sikwit l-Ingilterra minħabba l-kura; ġieli sifirna 4-5 darbiet f'sena.*

*Il-mara hawn issuġġeriet li niġbdu l-flus li għandna depożitati fil-La Valette Fund biex nagħmlu l-biċċa tax-xogħol. Hekk sar, dawn ġbithom jien u meta wasalt id-dar tajthomlha u hija poġġiethom fil-kexxun tal-istudju.*

*Minn hawn qatt iktar ma sar kliem fuq il-proġett li kellna nagħmlu u lanqas fuq il-flus x'sar minnhom. Reċentement il-mara għamlitli ċitazzjoni mal-ħafna li diġa għamlitli fejn akkużatni li l-flus ġbithom jien – dan veru – u li żammejthom għandi.*

*Jien niċħad b'mod l-aktar kategoriku li dawn il-flus żammejthom għandi. Nafferma li l-flus tajthom lilha għax aħna l-ftehim kien li aħna kellna nirranġaw id-dar u li nħallsu ftit mill-ispejjeż li konna għaddejjin minnhom.*

*Din hija ġrajja li diġa ġrat għax meta l-mara fil-bidu tas-snin 2000 kienet għadha taħdem il-bank HSBC, hija kienet ġiet tgħidilna li ħabib u kollega tagħha ġo l-istess uffiċċju kien ser jitkeċċa mill-bank għax seraq aktar minn Lm80,000 u bla ebda dubju ta' xejn il-mara wżat l-istess teknika tiegħu sabiex tieħu l-flus li ġegħelitni niġbed jien u niffirma għalihom jien, b'hekk għal għajnejn il-pubbliku u tal-ġustizzja dehret li ħadthom jien, mentri li kif wasalt id-dar tajthomlha u ma nafx x'sar aktar minnhom sal-ġurnata tal-lum.*

*Rigward il-flus depożitati fil-Lloyds Bank li kienu jammontaw għal Lm3,000 din is-somma kienet messet lili mill-wirt ta' ommi. Niftakar li jien u oħti konna morna għand in-Nutar Bernard Grech li kien ħa ħsieb id-denunzja t'ommi. Meta kien għalaq il-kont li kellha il-mama man-National Savings kien qalilna li għandha Lm7,500. Billi ommi mietet bla testament konna qsamnihom bejnietna u konna ħadna Lm3,750 kull wieħed. Dawn jiena kont ġbithom għax huma parafernali tiegħi. Dan il-mara tafu, għax jien kont għidtilha x'kien messni minn tal-mama. Minn tal-mama messni wkoll 260 shares mal-Bank of Valletta li llum żdiedu minħabba l-bonus shares li jagħtuna £920 li kienu l-Mid Med Bank fergħa ta' _______________ (omissis) illum HSBC liema somma llum ġbitha minħabba l-ispejjeż mediċi li għandi. Kien messni wkoll 3 jew 4 ċrieket tad-deheb tal-irġiel, arloġġ ta' meta kont żgħir, arloġġ tal-but. Dawn kienu ġo kaxxa flimkien ma' ta' kulħadd u jien qatt m'erġajt rajthom b'għajnejja mindu ħadithom hi. Jiena writt ukoll parti minn post ġewwa ____________________________ (omissis), llum mibjugħ u sehmi minn dal-post kien biss ta' Lm600 minħabba li konna ħafna werrieta u l-post bejgħnih Lm6,000.*

*Dwar l-irċevuti li ppreżentat il-mara dwar x'tonfoq għat-tfal fis-seduti tas-17 ta' Ġunju u 12 ta' Lulju 2010: jien ma nistax nifhem*

*għaliex għamlet hekk għaliex jien dejjem, sakemm kont għadni naħdem għaddejtilha il-manteniment regolarment.*

*Dan juri wkoll li l-mara għandha meżżi aktar minni biex tħallas u jiena insostni li hija qiegħda tħallas mis-somma ta' Lm14,000 li jiena kont ġbidt mill-La Vallette Fund u li kont tajtha fit-2006 u li jiena qatt ma rajt b'nemes għax għosfru mid-dar.*

*Jiena naħlef li dawn ma ħadthomx u ngħid illi jiena kont tajthomlha u hija poġġiethom fil-kexxun tal-istudju iżda mbagħad qatt ma rajthom.*

*Problemi oħra*

*Wara li spiċċat il-kors bdiet terġa' toħlom li jien għad għandi relazzjoni mal-ħabiba tagħha. Li nerġa' ngħid li hija xi ħaġa assolutament assurda li jien qatt kelli xi relazzjoni ma' xi persuna oħra.*

*Il-verita' hi biss li jien kont ħabib ma' din il-persuna bħalma kont ħabib ma' ħafna oħrajn. Hi xi drabi kienet toffrili l-għajnuna tagħha kif kienu jagħmlu ħafna oħrajn.*

*Il-mara reġgħet daħħlitha f'rasha li jien qed ikolli relazzjoni ma' din il-persuna.*

*Ir-relazzjoni mat-tfal*

*F'Settembru tas-sena 2006 il-mara tiegħi ddeċidiet li tmur tagħmel kors għand ta' Kana biex tagħraf tirbaħ il-problemi psikoloġiċi tagħha.*

*Dan bdiet tagħmlu waqt il-ħin li suppost kienet tkun xogħol l-iskola.*

*Jien sirt naf b'din il-ħaġa mill-ħbieb tagħha għax lili hi ma qaltli xejn. Dan tani x'nitħasseb u sirt naf li fi tfulitha kien hemm problemi psikoloġiċi, fis-sens li l-familja tagħha dejjem kienet iġġib lil ħuha u lilha żżommha second jew third best.*

*Hi kienet tissielet biex tkun aħjar minn ħuha li l-ġenituri kienu jgħolluh sas-seba' sema u lilha jmaqdruha.*

*Jien ħadt pjaċir li l-mara qed tagħmel xi ħaġa biex tirbaħ il-problemi tagħha, għalkemm ngħid il-verita' ddispjaċini li għamlet dan minn wara dahri u allura bil-moħbi tiegħi għax lili qatt ma qaltli xejn; kif ġja' għidt sirt naf b'dan minn sħabha u minn xi karti li hi u l-counsellor kienu jiktbu lil xulxin.*

*B'dan il-kors kienet bdiet tersaq lejn it-tfal għax tul dawn is-snin kienet tbegħdet minn magħhom u titlef it-tempra għal kull ħaġa ta' xejn u tgħajjat magħhom u tatihom penitenzi. Per eżempju it-tifel ma jarax TV jew ma jilgħabx bil-playstation jew xahar bla quddies; darba għax mar jifflitja fejnha qabdet mgħarfa tal-għuda, marret tiġri warajh u bdiet issawtu biha.*

*Lit-tifla li kienet tħobb tmur il-mużew, meta ma kienetx tagħmel il-homework jew ma jkunx moħħha hemm, kienet tatiha bl-imgħarfa tal-għuda jew xi penitenza. Hi kienet tkun dejjem bl-imgħarfa tal-għuda f'idejha għax kienet tgħid li minħabba l-problema medika li kellha f'idejha, d-daqqa ma kienux iħossuha, għalhekk kienet tuża l-imgħarfa tal-għuda.*

*F'Jannar 2007 bdiet aktar tingwalaha mat-tfal; titkellem magħhom tħossha iktar viċin tat-tfal, u fl-istess żmien bdiet tgħid lit-tfal u xxewwixhom kontrija u li trid tissepara minn miegħi. Jien ma kont naf xejn dwar dan. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar bdiet timla' lit-tfal kontra tiegħi u kontra missieri.*

*Rigward rapport tal-pulizija li saru u ġew esebiti fil-proċess u l-inkwiet mal-pulizija*

*Sabiex nibda nidher taħt sħaba sewda mal-pulizija u l-awtoritajiet il-mara bdiet sensiela t'akkużi u allegazzjonijiet foloz kontrija billi f'Marzu 2007 marret għand il-pulizija tagħmel rapport li jien ħadtilha xi karti tal-isptar.*

*F'April 2007 marret l-għassa tgħid lill-pulizija li jien kont qed nheddidha billi ngħidilha li hemm sorpriża lesta għaliha, u li dalwaqt mhix ser torqod iżjed ġewwa d-dar tiegħi. Il-pulizija ċempluli, inżilt l-għassa u x'ħin kellmuni fuq hekk, għidtilhom li min-naħa tiegħi 'This is news for me' naturalment dan ir-rapport tal-mara tefa' dell ikrah ħafna fuqi mal-pulizija.*

*Meta kellimt lill-mara fuq dan, kulma wiegbet kien 'vera inti qed tagħmel hekk' bla ma qalet xejn kif. Bil-mod il-mod dan l-episodju ma baqax jissemma' aktar.*

*Jien pero' bqajt inkwetat għax kemm il-mara u anke t-tfal bdew iħarsu lejja bl-ikrah. Fil-fatt kif bdiet taġixxi l-mara bdiet tħassibni; allura bdejt ningħalaq f'kamra għalija għax bdejt nibża' minn xi azzjoni kerha tal-mara.*

*Bdejt nitħasseb jekk il-kors għand ta' Kana minħabba l-problemi psikoloġiċi ma ħawwadhiex aktar flok li għinha.*

*Fil-25 ta' Mejju għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-għaxija ġara inċident serju. It-tifla kienet tilgħab bil-computer u tkanta miegħu b'leħen għoli. Jien għidtilha biex tbaxxi l-volum tal-computer u ta' leħenha għax kien tard; ma kienx ħin tal-istorbju.*

*Il-mara qaltilha 'kanta kemm trid C għax hu u missieru dejjem jgħajtu u jkantaw'. Jien għidtilha li mhux veru li nkantaw ngħajtu.*

*Jien tlajt fuq biex inbaxxi l-computer. Il-mara tiegħi, li kienet fil-kamra tas-sodda tagħna f'tarf il-kuritur, ma nafx għal liema raġuni ġiet fejni u tatni daqqa ta' statwa, qasmitli moħħi u kelli nagħmel 3 punti.*

*Meta bdiet tara d-demm nieżel miegħi marret tiġri l-għassa. Jien mort għand il-ġirien sabiex idewwuni ftit. Il-mara qalet li għamlitli hekk għax jien ippruvajt nifgaha. Dan mhu veru xejn jien qatt m'erfajt idejja fuq marti.*

*Dwar ir-rapport tal-pulizija li ppreżentat il-mara tiegħi kontrija jien nixtieq ngħid li dak datat 30 ta' Marzu 2007, 27 ta'April 2007 ippreżentat Dok PV4 jien niċħad kif dejjem ċħadt li qatt heddidt lill-mara, u li kienet għamlet hekk minħabba l-problema ta' dipressjoni li għandha u di fatti hija qatt ma ħadet passi.*

*Dwar Dok PV3, jien niċħad illi qatt ħadtilha xi dokumenti mediċi u di fatti l-mara qatt ma ħadet passi kontrija lanqas.*

*Dwar Dok PV2 datat 27 ta' Mejju 2007, jiena ħriġt liberat u marti instabet ħatja li sawtitni (dawn is-sentenzi diġa' jinsabu esebiti).*

*Rigward iż-żewġ rapport l-oħra li hemm esebiti fejn hemm allegat illi jien ma mortx għat-tfal, dana kien minħabba l-kundizzjoni medika tiegħi f'għajnejja billi kelli nkun l-___________ (omissis).*

*Il-kumpilazzjoni quddiem il-Maġistrat Anthony Vella.*

*Meta aktar tard kellna kawża fil-Qorti u hi kellha kumpilazzjoni kontra tagħha quddiem il-Maġistrat Anthony Vella ebda ċertifikat m'indika li jien erfajt idejja fuqha jew għamilt idejja m'għonqha, kif fil-verita' ma kien sar xejn minn dan.*

*Jien ħriġt liberat u lilha l-Maġistrat sabha ħatja u lliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sena, a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*<u>Rikors biex nitkeċċa mid-dar</u>*

*Sadanitant (meta kienet għada lanqas bdiet tinstema' l-kumpilazzjoni quddiem il-Maġistrat Anthony Vella) il-mara għamlet rikors quddiem l-Imħallef Joseph Azzopardi fejn talbet li minħabba li jien kont vjolenti, joħroġni barra mid-dar u jagħti l-kura u l-kustodja tat-tfal lilha. U hekk sar.*

*Fit-13 ta' Lulju jien kelli noħroġ mid-dar li ħallietli n-nanna tiegħi b'wirt (parafernali) biex baqgħet fiha hi mat-tfal u ommha u missierha jmorru kuljum allavolja hemm digriet li ma jistgħux jidħlu ġo dari.*

*Sadanitant, wara l-25 ta' Mejju l-ġenituri tagħha ġew id-dar (kif kienu jagħmlu ta' kuljum) u bdew jorqdu hemm. Fis-17 ta' Ġunju ndunajt li mid-dar naqsu ħafna affarijiet. Il-ġirien rawha ħierġa b'xi affarijiet bħal 5 ċilindri tal-gas u ħafna kaxxi b'affarijiet li kienet għabbiet fil-karozza u telqet bihom.*

*Fis-7 ta' Diċembru, tneħħew aktar affarijiet mid-dar, dan kienet ratu wkoll il-ġara _________________ (omissis) u dwar dan ħa nippreżenta wkoll l-affidavit tagħha (anness u mmarkat Dok A).*

*<u>Żgumbrament mid-dar</u>*

*Wara li ġejt imkeċċi u miċħud mid-dar tiegħi b'allegazzjonijiet foloz, qerq u gideb sfaċċat min-naħa tal-mara, kelli nfittex fejn immur noqgħod u mort ngħix fi flat ma' missieri, fejn ikolli nħallas il-kera, l-ispejjeż tad-dawl u l-ilma u tal-ħajja ta' kuljum.*

*Lit-tfal ma stajtx narahom billi l-mara għandha l-kustodja. F'Ottubru 2007 tlabt lill-Qorti biex tikkonċedili nibda nara 'l uliedi, għall-grazzja t'Alla l-Qorti laqgħet it-talba tiegħi.*

*<u>Aċċess tat-tfal</u>*

*Meta mort biex nara t-tfal, sibt li t-tfal mhumiex ikunu d-dar, iżda marru jgħixu mal-ġenituri tal-mara għax il-mara kellha tidħol 3 ġimgħat l-isptar. Omm il-mara ma riditx tħallini nara' l uliedi.*

*Wara li għaddew it-tliet ġimgħat ħallewni nara 'l uliedi u bdejt narahom kull nhar ta' Sibt. It-tfal bdew juru attitudni ostili versu lejja.*

*Meta darba ġibthom fil-flat ta' missieri, din l-attitudni negattiva għall-aħħar urewha wkoll lejn missieri.*

*Kull Sibt bqajt narahom, dejjem urew li qed jiġu kontra qalbhom u jgorru u jgħidu kontra tiegħi. Ma kontx trid wisq biex tinduna li t-tfal kienu qiegħdin jiġu vvelenati u mimlija kontra tiegħi u kontra missieri.*

*Meta nistaqsihom x'qatt għamiltilkom, huma jwieġbu għax jien sawwatt lill-mama u ħafna affarijiet bħal dawn.*

*Meta nipprova nfissrilhom li jien qatt ma sawwattha u li anke l-Qorti qalet hekk, it-tfal iweġbuni li dan għax jien tajt il-flus lill-Qorti biex tgħid hekk.*

*Dawn l-allegazzjonijiet u frażijiet oħra bħal "int m'intix missierna", "aħna ġejna permezz tal-Ispitur s-Santu u l-mama', aħna ma nħobbukx", bħal meta t-tifel jiġi jgħidli "nirrak taqa' u tmut zopptu", inħossni nweġġa', għalkemm nifhem li dawn it-tfal huma ndutrinati kontra tiegħi.*

*Ħaġa li għandha tkun disprezzata għall-aħħar, għax jekk hemm problemi bejni u bejn marti, it-tfal m'għandhomx jiġu influwenzati kontra tiegħi li jien missierhom. Aktar u aktar meta tqis li jien narahom 4 siegħat f'ġimgħa u għal 164 siegħat, ommhom jew / u oħrajn itambrulhom kontra tiegħi u kontra missieri.*

*Biex nagħti eżempju nhar is-Sibt 31 ta' Jannar 2009, jien ħadt it-tfal biex jaraw film, bħas-soltu, it-tifel qalli li ried jara film (li kien tajjeb għall-udjenza ta' 12-il sena 'l fuq). It-tifel ried jarah għax qal li t-12-il sena se jagħlaqhom fi 15 il-ġurnata oħra. Jien ma ridtx u morna naraw film ieħor li hu tajjeb għall-udjenza kollha.*

*Wara l-film it-tfal kont se noħodhom għand Mc Donalds imma fit-triq ħarbu. Jien ħsibt li sa nsibhom jistennewni fejn Mc Donalds. X'ħin ma rajthomx hemm hekk, ċempilt it-tifla u weġibni t-tifel fejn qalli li huma qegħdin fuq tal-linja sejrin id-dar. Jien għidtilhom li ma jistgħux jagħmlu hekk u li ser ikolli nagħmel rapport l-għassa. It-tifel qalli "għamel int".*

*Mort l-għassa u WPC229 ċemplitilhom u qalulha li telqu għax iddejqu, u li qegħdin ħdejn tal-linja.*

*Minn dakinhar kull meta jfettlilhom it-tfal bdew jaħarbuli waqt l-aċċess.*

*Is-Sibt 30 ta' Mejju 2009 waqt l-aċċess konna mexjin fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, it-tifel D li għandu 13-il sena beda jkeċċi l-ħamiem billi jsabbat saqajh mal-art u jferfer idejh.*

*Jien għidtlu "Le D mhux hemm imsieken il-ħamiem" u hu weġibni b'rabja kbira u qalli "li kieku kont int flok il-ħamiem kont naqbad u nagħtik sa kemm noqtlok u mbagħad nagħmel party kbir fuq iz-zuntier tal-knisja".*

*Dan l-atteħġjament t'ibni weġġagħni u skonvolġieni u ħallieni bla ma nista' nlissen kelma waħda, għax jien flimkien mal-familja tiegħi tajnihom trobbija tajba lil uliedi u għallimnihom biex jgħinu, jħennu u jirrispettaw lil ħaddieħor.*

*Dan il-kwalita' t'atteġġjament bdiet tidher minn mindu dawn it-tfal kienu taħt it-tmexxija t'ommhom u tal-ġenituri tagħha.*

*Fis-6 ta' Ġunju 2009 ġimgħa wara li ibni heddidni li ried joqtolni jien flimkien mat-tfal C u D kellna laqgħa ma' psikologa tat-tfal ċerta Vanessa Ellul li ġiet appuntata minn din l-istess Qorti biex tagħmel rapport.*

*Waqt din il-laqgħa it-tifel reġa' rrepeta dak li qal is-Sibt ta' qabel jiġifieri li jrid jaqbad jagħtini sakemm joqtolni. Meta l-psikologa semgħet dan il-kliem hija qaltlu "imma mbagħad inti D tispiċċa l-ħabs" u t-tifel qalilha "jien lest li mmur il-ħabs għax l-importanti li nara l-missieri mejjet".*

*Dan kollu jinsab miktub fir-rapport li l-istess psikologa ppreżentat lil din il-Qorti f'Lulju tal-2009.*

*Is-Sibt 12 ta' Diċembru 2009 wara li gejt minn ġimgħatejn treatment ġewwa Londra mort għat-tfal u minħabba kif kienu jagħmlu dejjem ħarġu nofs siegħa tard mid-dar.*

*Meta wasalna c-cinema l-Embassy l-Belt, il-film kien diġa' beda u allura ma stajniex nidħlu. It-tfal issupervjaw u poġġew fuq it-taraġ tal-Embassy wara ftit D li kellu ballun magħmul mir-rubber bands beda jilgħab bih, mbagħad beda jipprova jolqotni f'wiċċi u partijiet oħra ta' ġismi. F'ħin minnhom irnexxieli neħodlu l-ballun u allura ġew it-tnejn sija D kif ukoll C u bdew jagħtuni bil-ponn u bis-sieq u jġebbdu fija biex nagħtihom il-ballun.*

*Meta rajt hekk jien għidtilhom "jien natihulkom fil-preżenza tal-pulizija" meta bdejna mixjin lejn l-għassa tal-pulizija tal-Belt, it-tifla qagħdet warajja biex tgħatti lil ħuha li beda jipprova jagħtini l-gambetti biex iwaqqagħni.*

*Meta konna mexjin irċevew telefonata, wara li qatgħu, qaluli biex ma mmorrux l-għassa u t-tifel qalli "tista' żżommu l-ballun u tgħożżu" jien naħseb li ommhom ma ħalliethomx jiġu l-għassa minħabba li kemm huma kif ukoll ommhom kienu mwissija kemm-*

*il darba mill-pulizija tal-istess għassa biex iġibu ruħhom sewwa miegħi.*

*Kien fil-fatt ix-xahar li għadda li l-Maġistrat Clark sabet lit-tfal tiegħi ħatja ta' theddid u nġurja dwar dan l-episodju.*

*Dak li ġara huwa fattur tat-trobbija li dawn it-tfal ħadu f'dawn l-aħħar tliet snin. L-attitudni t'ommhom u tal-ġenituri tagħha qed tidher ċar fit-tfal; dik ta' vjolenza, rabja, u mibgħeda biex dak li ma rnexxilhiex tagħmel ommhom jagħmluh huma, jiġifieri li jtemmuli ħajti b'mod ħesrem.*

*Għadni ma nistax nifhem kif il-ġustizzja ġiet mgħaffġa u manipulata b'dan il-mod u manjiera kif ukoll ġew imkasbra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem meta jien fit-2 ta' Ġunju 2009 tlabt sabiex din l-Onorevoli Qorti tbiddilli l-ħin tal-aċċess u għemiżt ċertifikat mediku mar-rikors imma b'dispjaċir kbir sal-ġurnata tal-lum ir-rikors għadu pendenti b'konsegwenzi gravissimi għal vista t'għajnejja billi iddeterjoraw b'drammatiku.*

*Jiena nħossni li b'dan l-aġir tal-mara u tal-ġenituri tagħha qed issir ħsara kbira psikoloġika u spiritwali lit-tfal li mhux lakemm ifiequ minnha. Qed inħoss li qed jiġu wżati bi skopijiet ħżiena u vendikattivi.*

*Illum-il ġurnata ndunajt kemm il-ħabiba tal-mara kellha raġun meta qaltli li l-mara kienet ilha żmien twil li riedet teħles minni.*

*Dan qed jidher biċ-ċar kemm il-mara ppjanat kollox minn żmien ilu b'reqqa u dedikazzjoni kbira. Din il-kawża ta' separazzjoni hi fonduta biss fuq qabda allegazzjonijiet foloz u fertili u gideb sfaċċat, mibgħeda kbira u ħdura liema bħalha, rebgħa għall-flus u biex takkwista ħwejjeġ li qatt ma ppartenu lilha.*

*Il-karozza ____________________ (omissis) li slift lill-missier il-mara u l-karozza _______________ (omissis)*

*Aktar minn tliet snin ilu jien kont slift lil missier il-mara karozza ta' għamla _________________(omissis). Hu kien iħallas il-liċenzja u l-insurance tagħha.*

*Minħabba li l-liċenzja tagħlaq f'Diċembru, f'Jannar tas-sena 2009 sirt naf li hu la ħallas il-liċenzja u lanqas l-insurance.*

*Għalhekk jien mort l-għassa tal-_____________ (omissis) fejn spjegajt kollox lil PC574. Jien żidt ngħidlu wkoll li kont lest li l-karozza natihielu b'xejn jiġifieri ma rridx flus tagħha.*

*PC574 ċempel lil missier il-mara u għal dak il-ħin għoġbitu l-idea, b'hekk ftehmu biex l-għada f'nofsinhar niltaqgħu l-għassa biex nagħmlu t-transfer minn fuqi għal fuqu.*

*Kif ftehmna l-għada jien mort l-għassa imma missierha ma ġiex. Il-pulizija ċempillu u rrispondiet omm il-mara fejn qaltlu li l-karozza qiegħda wara l-bieb tal-flat ta' missieri, jiġifieri __________________________________ (omissis).*

*Meta l-pulizija qalli hekk jien mort ħalli nara u sibt li l-karozza vera kienet hemm hekk b'daqqa kbira u ħafna sadiet fuq il-'mudguard' ta' quddiem in-naħa tal-passiġier, bi ħġieġa tal-bieba tan-naħa ta' quddiem in-naħa tal-passigier nieqsa u bla 'silencer'.*

*Dwar il-karozza _______________ (omissis), ngħid illi din il-karozza xtraha l-papa' minħabba d-diżabilita' tiegħu biex inkunu nistgħu nwassluh 'l hemm u 'l hawn u minħabba li l-mara kienet taħdem l-HSBC kellha self issussidjat u missieri kien irranġa magħna biex nieħdu l-loan u jagħtina l-flus cash kif fil-fatt għamel.*

*<u>Dwar ix-xhieda ta' omm il-mara</u>*

*Dwar ix-xhieda tal-mama tagħha ngħid illi fiż-żwieġ tagħna l-problema dejjem kienu l-ġenituri tal-mara billi kienu jindaħlu f'kollox u possessivi għall-aħħar.*

*Il-mara dejjem riedet il-permess tagħhom biex nagħmlu xi ħaġa.*

*Anki ħaġa żgħira, trid issaqsi lilhom.*

*Jiena ngħid illi l-istess il-mara qiegħda tagħmel fit-tfal tagħna tant illi s-social worker fir-rapport tagħha wkoll qalet illi t-tfal huma nfluwenzati min-naħa materna.*

*Dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess psikologa Vanessa Ellul, li għandi nibda terapija flimkien mat-tfal, ngħid illi it-terapija*

*finanzjarjament ma stajtx naffordja u t-tieni t-tfal lanqas riedu jiġu għal din it-terapija.*

*<u>Allegazzjonijiet foloz li għamlet il-mara u kummenti oħra</u>*

*Fost l-allegazzjonijiet foloz li akkużatni bihom (li wħud minnhom diġa ħriġt liberat) kien hemm dawn:*

*Li jien kelli relazzjoni mal-ħabiba tagħha.*

*Li jien kont qed nheddidha billi ngħidilha li hemm sorpriża lesta għaliha, u li dalwaqt mhix ser torqod iżjed ġewwa d-dar tiegħi.*

*Li jien vjolenti u li ppruvajt nifgaha*

*Li jien sraqt ħafna affarijiet inkluż ikel tat-tfal*

*Li jien ħadt il-magnifier*

*Li jien ħadt somma kbira ta' flus, meta jien kont tajthomlha u li qatt ma qaltli x'għamlet biha.*

*Qatt li qatt ma kont nistenna affarijiet tant miskini u ta' min jistmerrhom minn dik li jien darba waħda kont inħobb u li għamilt kull kwalita' ta' sagrifiċju għaliha.*

*Aktar u aktar li mbagħad tiġi tuża t-tfal bħala tarka għall-finijiet moqżieża tagħha sabiex in-nies jistħassruha u ġġibilhom qalbhom żgħira u b'hekk tieħu dak li trid mingħajr ma wiżnet ir-reperkusjonijiet u l-konsegwenzi psikoloġiċi u spiritwali li t-tfal se jibqgħu jġorru għall-kumplament ta' ħajjithom.*

*Nixtieq ngħid ukoll illi jiena ġejt infurmat mid-dipartiment tas-servizzi soċjali li jiena ser nibda nieħu benefiċċju ta' pensjoni minħabba li jien ċertifikat 'blind' ta' €11.49 fil-ġimgħa skont l-anness dokument (mmarkat Dok B).*

*Inżid ukoll punt ieħor rigward il-fatt illi riċenti kont Mc Donalds il-Belt u serquli l-basket. Fih kelli kollox, kien fih iċ-ċertifikati oriġinali tal-isptar ta' Londra u dokumenti oriġinali oħra u għalhekk jiena ma nistax nippreżenta ċ-ċertifikati. Għalhekk qiegħed nippreżenta r-rapport ta' meta nsteraq il-basket (anness u mmarkat Dok C).*

*Dwar il-flat li għandi ______________________ (omissis) u li minnu għandi kwart indiviż, ngħid illi ċ-ċavetta qatt ma għaddiet għandi u għalkemm tlabtha kemm-il darba qatt ma riedu jagħtuwhieli.*

*Dwar il-prospett tal-ispejjeż li ppreżentat il-mara fis-seduti tas-17 ta' Ġunju u 12 ta' Lulju ta' din is-sena ngħid li jien QATT ma kont inkun infurmat b'dan is-safar u lanqas qatt ma tinfurmani dwar l-appuntamenti tat-tifla fl-Ingilterra u x'jgħidulha t-tobba u jiena dejjem ħallast manteniment għat-tfal sa Ġunju."*

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-atteġġjament tal-konvenut; il-Qorti hija

konvinta li l-allegazzjoni tal-attriċi – sorretta mid-diversi provi ċirkostanzjali fir-rigward – li l-konvenut qiegħed f'relazzjoni ma' ċerta Sharon Gauci u li allura kkommetta adulterju hija veritjiera. Kif ġja' ssemma l-Qorti semgħet lill-partijiet jixhdu in kontro-eżami u waqt is-smiegħ tad-diversi rikorsi li saru matul il-kawża, u anke l-komportament tal-konvenut meta kien qed jixhed wasslu lill-Qorti għall-konvinċiment li l-konvenut apparti minn dan għandu attitudni vendikattiva li għamilha diffiċli għall-attriċi li tibqa' tgħix miegħu. Sfortunatament, għandu jingħad ukoll, li l-partijiet għandhom it-tnejn li huma mard serju ħafna li għamel ukoll il-ħajja miżżewġa tagħhom aktar diffiċli.

Illi minħabba f'hekk il-partiijiet spiċċaw jgħixu f'*'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"**, deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Gunju 1967). Dejjem ġie ritenut illi:

*"Għalkemm indubbjament kien hemm raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ, l-adulterju dejjem kien meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi illi għaliha l-Qorti tawtorizża s-separazzjoni personali*. (**Vol XXXVII-parti ii, pagna 693**).

**Illi stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga r-raġunijiet oħra li jwasslu għal separazzjoni iżda, għal kull buon fini, qed jingħad li jekk l-aġir tal-konvenut ma jwassalx għal dikjarazzjoni ta' adulterju ċertament iwassal għal dak ta' nġurji gravi li kkawża hu lill-attriċi.**

**MANTENIMENT**

Il-partijiet jaħdmu t-tnejn u ma hemmx lok għall-manteniment. Kontrarjament għal dak li qed jintalab, dan mhux xi dritt sagrosant ta' min jissepara, l-artikolu 20 (1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li l-manteniment ikun dovut **skont il-bżonn ta' min jitolbu**. Huwa ċar li bħalissa ħadd mill-partijiet ma għandu dan il-bżonn impellenti għaliex l-attriċi hija mpjegata ukoll sija pure' b'salarju zgħir – jidher li l-konvenut bħalissa mhux qed jaħdem minħabba l-problemi ta' saħħtu iżda għandu biżżejjed assi u penzjoni li ma għandux bżonn manteniment. Jekk fil-futur dan il-bżonn jirriżulta, naturalment il-parti li għandha dritt għalih tista' tagħmel it-talba tagħha dakinnhar.

Illi fir-rigward tal-minuri, il-Qorti kienet ordnat ħlas ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar *pendent lite* (fl-20 ta' Settembru 2007). Ma jidhirx li nbidlu xi ċirkostanzi partikolari li biddlu s-sitwazzjoni, u allura dan għandu jibqa' jseħħ sakemm huma jagħlqu tlieta u għoxrin (23) sena jew jimpjegaw ruħhom skond l-artikolu 3B(2) tal-kapitlu 16.

**PROPRJETA'**

**Beni immobbli**

Illi l-attriċi bħalissa tgħix fid-dar matrimonjali *tramite* digriet ta' din il-Qorti in vista ta' nuqqasijiet serji li kien qed ikun hemm bejn il-kontendenti. Id-dar hija pero' propjeta' parafernali tal-konvenut. Saru pero' benefikati matul iż-żwieġ għall-ammont ta' għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u disgħin ewro (€20,697) – ara folio 2367, u dwar dan qed issir riferenza għar-relazzjoni tal-perit tekniku. L-attriċi allura għandha kreditu ta' għaxart elef, tliet mija tmienja u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,348.50) fir-rigward.

Illi l-partijiet għandhom fi proprjeta' bejniethom ta' nofs indiviż ta' 'l fuq imsemmi appartament f'________________ *(omissis)* li ġie stmat erbgħa u erbgħin elf Ewro (€44, 000) mill-istess perit tekniku.

Illi f'dan ir-rigward l-attriċi qed titlob li tiġi assenjata dan il-kwart indiviż tal-attur lilha biex ipaċu għall-manteniment iżda l-Qorti jidhrilha li jkun aktar ekwu u prattiku li tiġi assenjata l-istess kwart indiviż akkont ta' somma akbar dovuta lilha kif se jidher ċar aktar 'il quddiem.

Illi dwar id-dar matrimonjali l-Qorti ordnat fi stadju bikri tal-proċeduri li l-attriċi jkollha dritt tgħix m'uliedha hemmhekk. Dan sar biex it-tfal ma jibqgħux soġġettati għal diversi sitwazzjonijiet ta' dannu għalihom. Naturalment, pero' dan ma jistax jibqa' stat perpetwu speċjalment in vista tal-fatt li din hija proprjeta' parafernali tal-konvenut, u għalhekk il-Qorti se tħalli dan għal sentejn oħra b'effett mil-lum.

**Beni mobbli**

Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji, ishma fi skemi t'investimenti kollettivi, bonds u poloz t'assikurazzjoni li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Dawn se jiġu ndikati fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

Illi l-attriċi ressqet provi li l-konvenut qabad u sarraf numru ta' investimenti ndikati a folio 2843. Dan ma ġiex kontestat u l-ammont li kien dovut lilha kien ta' tlieta u tletin elf, erba' mija u tmienja u erbgħin Ewro (€33, 448).

Illi hija tallega wkoll li l-konvenut impossessa ruħu mill-karozza li tifforma parti mill-komunjoni (ma hemm pero' ebda ndikazzjoni ta' x'marka hija jew stima attendibbli), u deheb ammontanti għal *circa* erbat elef sitt mija u sittin Ewro (€4,660) u li allura hija għandha sehem jiswa elfejn, tliet mija u tletin ewro (€2,330) – dan ma ġiex kontestat lanqas. L-attriċi tallega ukoll li l-konvenut appropja ruħu minn Life Insurance u Baby Bonds għall-ammont dovut lilha ta' erbatax-il elf, seba' mija u sitta sebgħin Ewro (€14,776). Il-provi dwar dan ma tantx huma ċari iżda għal kull buon fini l-Qorti se tassenjahom lill-konvenut li pero' jkollu jħallas din is-somma lill-attriċi. **B'kollox għalhekk l-attriċi għandha tieħu s-somma ta' ħamsin elf, ħames mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€50,554)**.

Illi għalhekk il-Qorti se tassenja l-kwart indiviż aktar 'il fuq imsemmi, u l-attriċi jibqalgħa tieħu l-bilanċ ta' **sitt elef ħames mija u erbgħa u ħamsin ewro (€6,554)**[1] **–** ***oltre*** **l-għaxart elef, tliet mija u tmienja u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,348. 50) fuq imsemmija – b'kollox sittax-il elf, disa' mija u tnejn Ewro, u ħamsin ċenteżmu (€16,902.50)**[2]**.**

Illi l-beni l-oħra mobbli li kien hemm fid-dar huma problema għaliex hawn ma saret ebda stima u lanqas riferenza għalihom.

Illi l-Qorti fuq l-iskorta ta' dak li ntqal jidhrilha li hemm l-estremi biex tapplika l-effetti tal-artikolu 48.

**DEĊIŻJONI**

[1] liema ammont b'digriet tas-7 ta' Mejju 2014 ġie kkoreġut biex jaqra tmienja u għoxrin elf, ħames mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€28,554)

[2] liema ammont b'digriet tas-7 ta' Mejju 2014 ġie kkoreġut biex jaqra tmienja u tletin elf, tmien mija u żewġ Ewro u ħamsin ċenteżmu (€38,802.50)

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

1. **Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort tal-konvenut;**

2. **Tassenja l-kura u kustodja tal-minuri D B lill-attriċi; tordna lill-konvenut iħallas mantaniment għaż-żewġt itfal, C u D, fis-somma komplessiva ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) fix-xahar, pagabbli f'ishma ndaqs għal kull wieħed u waħda sakemm jibqgħu jistudjaw, u f'kull każ dan jieqaf kif jagħlqu tlieta u għoxrin (23) sena skont l-artikolu fuq ċitat;**

3. **Tilqa' t-tielet talba;**

4. **Fir-rigward tar-raba', il-ħames u s-sitt talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi:**

   **tassenja l-kwart indiviż tal-fond appartament numru 6, fil-korp ta' flats numru ________________________________ *(omissis)* lill-attriċi akkont ta' somma akbar dovuta minnha – tordna lill-konvenut iħallasha wkoll is-somma ta' sittax-il elf disa' mija u tnejn Ewro u ħamsin ċenteżmu (€16,902.50)[3]; tinnomina lin-Nutar Dottor Annalise Micallef biex tippubblika l-att relattiv, u l-Avukat Abigail Critien biex tirrappreżenta l-kontumaċji; l-att għandu jiġi pubblikat f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' min ikun interessat; fl-att imsemmi għandu jkun ukoll imsemmi *occorrendo* illi l-kontijiet kollha bankarji lokali kif ukoll bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejn il-partijiet u dawn jinkludu:**

[3] liema ammont b'digriet tas-7 ta' Mejju 2014 ġie kkoreġut biex jaqra tmienja u tletin elf, tmien mija u żewġ Ewro u ħamsin ċenteżmu (€38,802.50)

**La Vallette European Fund – fl-ammont ta’ ċirka elfejn tliet mija u disgħa u disgħin Ewro (€2,399);**

**Wingacourt Funds fl-ammont ta’ elfejn tliet mija u ħamsa sebgħin Ewro (€2,375);**

**Ishma fil-Bank of Valletta (970); HSBC (500); Plaza (500); Datatrack (600); Go plc (500);**

**Kif ukoll kull sehem, bonds jew investiment ieħor li jista’ jirriżulta;**

**Il-Vettura (li ma hemmx dettalji tagħha) għandha tiġi assenjata lill-konvenut.**

**5. Fir-rigward tas-seba’ talba tilqa’ l-istess talba iżda għal perjodu ta’ sentejn oħra li jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza.**

**Illi kwantu għall-kontro-talba tal-konvenut tilqa’ biss it-tieni talba in kwantu kompatibbli mal-akkoljiment tat-talbiet attriċi iżda tiċħad il-kumplament tat-talbiet tiegħu;**

**L-ispejjeż tal-kawża, inkluż tal-kontro-talba, għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------